PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2157(INI)

15.10.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija FRONTEX u tas-Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri EUROSUR
(2008/2157(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Javier Moreno Sánchez

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija FRONTEX u tas-Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri EUROSUR
(2008/2157(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, li rraportat dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija FRONTEX (COM(2008)0067),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, li pproċediet għal eżami dwar il-ħolqien ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza għall-Fruntieri (EUROSUR) (COM(2008)0068),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea (COM(2008)0069),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra l-Patt Ewropew dwar l-immigrazzjoni u l-asil, li ntlaħaq qbil dwaru mis-27 Stat Membru f'Pariġi nhar is-7 ta' Lulju 2008 u li se jiġi approvat matul il-Kunsill Ewropew li jmiss li se jsir f'Ottubru 2008,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005 dwar l-approċċ globali għall-kwistjoni tal-migrazzjoni: il-prijoritajiet ta' azzjoni ċċentrati fuq l-Afrika u l-Mediterran, li wieħed jerġa' jsib fil-konklużjonijiet tal-presidenza wara l-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 dwar il-prijoritajiet politiċi fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' dawn li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin kif ukoll tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-

[1] ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.
[2] ĠU L 199, 31.7.2007, p. 30.
[3] ĠU C 219E, 28.8.2008, p.223.

Kumitat għall-Baġits (A6-0000/2008),

A. A.billi l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u, b'mod speċifiku ħafna, il-ġestjoni integrata tal-fruntieri kollha tal-Unjoni għandhom iseħħu fil-qafas ta' approċċ globali u armonizzat tal-fenomeni migratorji, inklużi wkoll l-organizzazzjoni tal-immigrazzjoni legali, l-integrazzjoni tal-immigranti legali u l-koperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu,

B. billi dawn il-fenomeni migratorji se jdumu sakemm idumu d-differenzi fl-iżvilupp bejn id-diversi reġjuni tad-dinja, u f'dan ir-rigward jaqbel li l-ġestjoni tal-flussi migratorji tkun organizzata f'sinerġija mal-politiki ta' żvilupp u ta' koperazzjoni mal-pajjiżi terzi,

C. billi s-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-Unjoni hija element dinamiku fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, li ħdejha għandu jkun hemm il-politiki ripressivi kumplimentari maħsuba biex jużaw is-sors kollu tagħha, bħall-ġlieda kontra l-impjiegi illegali, b'mod partikulari bl-għajnuna tal-adozzjoni tad-direttiva li tipprevedi sanzjonijiet kontra dawk li jħaddmu persuni li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi b'residenza irregolari, u kontra n-netwerks ta' traffikanti li jagħmlu parti mill-kriminalità organizzata,

D. billi, anke jekk il-kontroll tal-fruntieri jaqa' taħt ir-responsabilità ta' kull Stat Membru għall-parti tal-fruntiera li tkun tiegħu, il-pressjoni migratorja li hemm fil-fruntieri tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Unjoni Ewropea teħtieġ li jiġi żviluppat u organizzat spirtu ta' koresponsabilità u ta' solidarjetà obbligatorja bejn l-Istati Membri, b'tali mod li jkun iffaċilitat li r-riżorsi materjali u umani mobilizzabbli jitpoġġew għad-dispożizzjoni komuni fil-ġlieda kontra dan il-fenomenu,

E. billi jilqa' b'sodisfazzjon l-ewwel riżultati kwantifikabbli tal-Aġenzija FRONTEX mit-tnedija operattiva tagħha f'Ottubru 2005, u d-determinazzjoni neċessarja ta' strateġija għaż-żmien medju u twil li ssir indispensabbli f'dan l-istadju tal-iżvilupp tagħha,

F. billi din l-istrateġija għandha preċiżament taħtaf l-okkażjoni biex tittestja l-vijabilità tal-prinċipju ta' "*solidarjetà obbligatorja*" bejn l-Istati Membri (prinċipju li diġà wieħed saħaq fuqu fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri [1](is-sistema RABIT - *Rapid Border Intervention Teams*), li jikkoordina l-kapaċitajiet ta' ħolqien rapidu tal-Unjoni fil-każ ta' urġenza) sabiex jintgħażel il-modus operandi relevanti biex jiggarantixxi t-tqegħid għad-dispożizzjoni bla kundizzjonijiet tar-riżorsi materjali (imniżżla fir-repertorju ċentralizzat tat-tagħmir tekniku (CRATE - *Centralised Records of Available Technical Equipment*) u umani neċessarji għal azzjoni effikaċji tal-Aġenzija,

G. billi kwalunkwe azzjoni żviluppata mill-Aġenzija għandha fi kwalunkwe każ tibqa' konformi mal-istandards tal-liġi internazzjonali, b'mod partikulari dawk li japplikaw għall-liġijiet umani, għad-dinjità tal-persuna umana u għar-refuġjati, b'mod partikulari l-liġi tal-asil u l-prinċipju ta' *non-refoulement* (li ma jintbagħtux lura),

H. billi l-Aġenzija għandha tinkorpora fl-azzjonijiet kollha tagħha l-ħtieġa li jittieħdu l-prekawzjonijiet u r-riżorsi neċessarji kollha favur ir-rispett tal-persuni l-iktar vulnerabbli,

[1] ĠU L 199, 31.7.2007, p. 30.

in-nisa u t-tfal u, b'mod partikulari, il-minorenni mhux akkumpanjati u l-persuni li għandhom xi diżabilità,

I. billi d-dimensjoni umanitarja tal-azzjoni tal-FRONTEX għandha tkun ikkonfrontata minn sigurtà ġuridika massima, kemm fil-qasam tal-operazzjonijiet ta' salvataġġ li din ikollha twettaq kif ukoll f'dak tal-operazzjonijiet ta' ritorn li din se jkollha tikkontribwixxi għalihom,

J. billi, minħabba s-suċċess tagħhom, l-operazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal speċjalizzat involut fl-iffunzjonar tal-FRONTEX jistħoqilhom li jitkomplew imma fuq kollox li jiġu estiżi għall-persunal tal-pajjiżi terzi li ta' kuljum jintalbu jikkoperaw mal-Aġenzija,

1. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-problema tal-migrazzjoni permezz ta' approċċ globali li javvanza bl-istess enerġija t-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri tal-Unjoni, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni klandesina u r-ritorn tal-barranin f'sitwazzjoni irregolari fil-pajjiż tagħhom, il-ġlieda kontra l-impjieg illegali u t-trattament tal-bnedmin imma wkoll l-organizazzjoni tal-immigrazzjoni legali u l-miżuri li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-immigranti legali, it-tisħiħ ta' sħubija globali mal-pajjiżi terzi li jiffavorixxu relazzjoni pożittiva bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, u l-kostituzzjoni ta' politika omoġena fil-qasam tal-liġi tal-ażil fil-livell Komunitarju;

2. Jinsisti li għandu jintgħaraf il-fatt li hu assolutament neċessarju għall-FRONTEX li, kemm għall-operazzjonijiet okkażjonali kif ukoll għall-missjonijiet permanenti tagħha, ikollha l-appoġġ tad-disponibilità tar-riżorsi li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħha mill-Istati Membri;

3. Iħeġġeġ għal dan il-għan lill-Istati Membri biex jifformalizzaw mill-iktar fis possibbli sistema ta' "solidarjetà obbligatorja u irrevokabbli" li tagħmilha possibbli għall-FRONTEX li, fit-tħejjija u fit-twettiq tal-missjonijiet tagħha, tneħħi l-inċertezza dwar id-daqs preċiż tar-riżorsi li tista' torbot fuqhom fir-realtà;

4. Jitlob li tiġi stabbilita għassa tal-konġunzjonijiet permanenti u operattivi antiki matul is-sena kollha fiz-zona kollha fejn hemm riskju kbir, b'mod partikulari fil-fruntieri tal-baħar;

5. Jistieden lill-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom, mill-iktar fis possibbli, biex jagħtu ħarsa konkreta lejn dan il-prinċipju ta' solidarjetà, billi b'mod partikulari jżidu r-riżorsi materjali li dawn jagħmlu għad-dispożizzjoni rispettivament tal-Aġenzija u billi jiżgurawha mid-disponibilità assoluta tagħha fil-prattika;

6. Jistieden lill-FRONTEX biex tissottometti rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jkun fih dettalji b'mod partikulari dwar l-użu effettiv u d-disponibilità reali tal-materjal fir-repertorju tal-bażi CRATE, u biex, jekk ikun hemm bżonn, jaċċentwaw id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom;

7. Jistieden lill-Istati Membri, fil-każ li ma jkunx għad hemm riżorsi biżżejjed disponibbli, biex malajr jipprevedu tibdil f'iskala tal-baġit tal-FRONTEX li jippermettilha li tikri jew takkwista l-materjal proprju tagħha għat-twettiq tal-missjonijiet tagħha;

8. Ifakkar li l-Parlament Ewropew, bħala l-awtorità baġitarja, diġà żied il-baġit tal-FRONTEX mill-ħolqien tagħha u se jiżgura t-twettiq korrett tagħha kif ukoll l-

adattazzjoni tagħha għall-evoluzzjoni tal-funzjonijiet tagħha;

9. Jilqa' l-isforzi kbar ta' kooperazzjoni mwettqa minn kważi l-pajjiżi terzi kollha li magħhom il-FRONTEX tintalab taħdem ta' kuljum, u li wasslu għal riżultati estremament pożittivi bħal dawk miksuba fil-Gzejjer Kanari;

10. Iħeġġeġ, kuntrarjament, lill-pajjiżi terzi li l-kooperazzjoni tagħhom mhix biżżejjed - jew inkella ineżistenti - biex jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex jiffaċilitaw il-ħidwa tal-Aġenzija, b'mod partikulari billi jiżguraw koperazzjoni iktar effikaċji tas-servizzi tagħhom fil-qasam tal-prevenzjoni;

11. Jistieden lill-Istati Membri biex jippermettu reviżjoni tal-mandat tal-FRONTEX sabiex ineħħu l-vojt ġuridiku li jista' jxekkel l-azzjoni tagħha, billi jintegraw b'mod partikulari l-kundizzjonijiet ġuridiċi preċiżi tal-interventi ta' salvataġġ tagħha fil-baħar kif ukoll dawk tal-kontribut tagħha għall-operazzjonijiet ta' ritorn, u l-possibilità ta' rikors għat-tagħmir tagħha minn pajjiżi terzi, b'mod partikulari permezz tal-proġetti pilota li jistgħu jkunu benefiċċjarji tagħhom;

12. Iqis li l-għotjiet b'hekk imkabbra tal-FRONTEX u l-istabbiliment tal-għeruq tal-kontribut tagħha fil-ġlieda ta' kuljum kontra l-immigrazzjoni illegali jistgħu jiġġustifikaw żvilupp strutturali tal-kapaċitajiet loġistiċi u amministrattivi tagħha, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità;

13. Iqis, b'mod partikulari, li jekk ir-ritmu u r-riżorsi implimentati jkunu għadhom ma jiġġustifikawx il-multiplikazzjoni tal-aġenziji diċentralizzati, jista' jiġi previst mil-lum il-ħolqien ta' żewġ fergħat differenti - waħda biex tikkoordina l-attività fil-fruntieri tal-art, u l-oħra l-operazzjonijet tal-baħar;

14. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jitkomplew l-operazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal mobilizzat permezz tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija - b'mod partikulari fil-qasam tal-liġi marittima, tal-liġi tal-ażil u tad-drittijiet fundamentali - inkluż, malli l-mandat tagħha jitwessa', għall-persunal tal-pajjiżi terzi kkonċernati; Jinkoraġġixxi għal dan il-għan lill-FRONTEX biex tikkopera ma' istituzzjonijiet oħra bħall-Uffiċju tal-Migrazzjonijiet Internazzjonali, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kummissarjat Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati;

15. Jilqa' r-riflessjoni li saret mill-Kunsill bl-iskop li jwaqqaf is-sistema EUROSUR, sabiex jiżgura li l-mezzi kollha ta' sorveljanza jiġu sfruttati bl-aħjar mod possibbli, essenzjalment billi jestendi l-kopertura attwali tagħhom li llum tapplika biss għal parti miz-zoni fejn l-operazzjonijiet jintalbu li jsiru;

16. Jinsisti, għalhekk, biex jibda bla ebda dewmien l-adattament għat-talba tas-sistemi nazzjonali ta' sorveljanza u ta' l-interkonnessjoni tagħhom fin-netwerk, u biex - għal raġunijiet ta' koerenza - il-FRONTEX jingħata r-ragruppament tal-għodod disponibbli, b'mod partikulari l-ġestjoni tan-netwerk ta' informazzjoni u ta' koordinazzjoni sekurizzat u mqabbad mal-Internet għas-servizzi tal-Istati Membri responsabbli mill-ġestjoni tal-flussi migratorji (ICONET) u l-bidu mill-ġdid tal-attivitajiet taċ-Ċentru għall-Informazzjoni, id-Diskussjoni u l-Iskambju dwar il-Qsim tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni (CIREFI); jinsisti wkoll fuq in-neċessità li wieħed javvanza fuq il-kooperazzjoni tal-Aġenzija fil-qasam tal-evalwazzjoni tar-riskji ma' aġenziji Ewropej oħra kif ukoll ma'

organiżmi internazzjonali oħra u awtoritajiet tal-pajjiżi terzi responsabbli mill-kontrolli fil-fruntieri;

17. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-bżonnijiet konkreti tas-servizzi responsabbli mill-kontrolli fil-fruntieri jitqiesu speċifikament fl-attivitajiet ta' riċerka;

18. Jinsisti fuq l-importanza li fis-sistema globali ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-Unjoni jiġu inkorporati s-sistemi Ewropej il-ġodda proposti għall-kontroll fil-fruntieri: is-Sistema Elettronika tal-Awtorizzazzjoni tal-Ivvjaġġar (ESTA - *Electronic System for Travel Authorization*), is-sistema ta' dħul/ħruġ, il-*Fast track*, u sistemi oħra;

19. Jisieden lill-FRONTEX biex tieħu l-inizjattiva biex toħloq ambjent komuni ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, sabiex jiġu ottimizzati l-ġbir, l-evalwazzjoni u t-tixrid ta' din id-data delikata; jitlob lill-Forum Ewropew tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-qasam tas-Sigurtà (ESRIF - *European Security Research and Innovation Forum*) biex jagħti l-kontribut tiegħu għat-twettiq ta' dan l-objettiv, billi fil-ħidmiet tiegħu jagħti preferenza lill-applikazzjonijiet komuni fil-qasam tal-ipperfezzjonar u tal-innovazzjoni tal-għodod ta' sorveljanza;

20. Jistieden lill-Aġenzija biex tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-ftehimiet iffirmati mal-pajjiżi terzi kif ukoll biex tippubblika r-rapporti ta' evalwazzjoni dwar l-operazzjonijiet konġunti;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Kummissarjat Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati u lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Introduzzjoni

"Nixtieq nitbissem għax qed inħoss li għandi qawwa titanika. Qbiżt fuq l-Ewropa. Qsamt minn naħa għall-oħra tal-ibħra u qbiżt minn fuq il-muntanji.

...

Massambalo. Ma nsiex l-istorja li sema' l-ġurnata ta' qabel. Kien proprju l-istess isem, dak tal-alla tal-emigrati li nxteħet minn ġol-kontinent tad-dlamijiet biex iħares lill-popli li qed ibatu."

L'Eldorado, Laurent Gaudé, ed. Acte du Sud

La l-alla Afrikan evokat fir-rumanz stupend ta' Laurent Gaudé, u lanqas l-allat l-oħra tal-emigrati ma jistgħu jħarsu n-numru li qed jikber dejjem iżjed ta' bnedmin li, biex jaħarbu mill-miżerja, "jaqsmu l-ibħra u jaqbżu minn fuq il-muntanji" biex jilħqu l-ħolma Ewropea. In-numru ta' dawk li jisparixxu fil-baħar u x-xbihat tad-dgħajjes mhux affidabbli li bla waqfien jaslu fix-xtut tan-Nofsinhar tal-Unjoni dan ifakkruhulna ta' kuljum.

Dawn l-allat ma jistgħux iħarsu lil dawn il-bnedmin iddisprati mir-riskji mortali li jiltaqgħu magħhom fit-triq għat-tama, la mill-ħatfa tal-mafji u mix-xbieki tat-traffikanti ta' klandestini u lanqas minn dawk li bla skrupli ta' xejn jimpjegawhom u jisfruttawhom hekk kif jaslu fil-kontinent tagħna.

Hija r-responsabilità tagħna l-bnedmin, tagħna l-Ewropej, li din it-triq lejn l-infern tiġi bblokkata, li l-immigrazzjoni klandestina titwaqqaf. Għandna għalhekk fl-istess ħin nagħmlu mezz biex ikunu dawk l-immigranti li jsegwu t-triq legali li jaslu biex jidħlu fit-territorju tal-unjoni Ewropea, u biex isiru l-isforzi kollha possibbli li jippermettulhom li jintegraw ruħhom fis-soċjetajiet tagħna.

Hija r-responsabilità tagħna l-Ewropej li nistabbilixxu mal-pajjiżi ta' oriġini l-koperazzjoni xierqa sabiex l-immigrazzjoni tkun fattur ta' żvilupp għal dawn il-pajjiżi, għall-pajjiżi ta' akkoljenza tagħna, imma fuq kollox għall-immigranti.

F'dan ir-rispons globali Ewropew għall-isfida tal-immigrazzjoni aħna obbligati li nwettqu dmir ingrat imma indispensabbli, il-ġestjoni tal-kontroll tal-fruntieri, tal-fruntieri esterni kollha tal-Unjoni.

Dan mhu xejn ħlief aspett ta' politika globali li għandha tiġi żviluppata mill-Unjoni u li l-elementi prinċipali tagħha huma mħaddna fil-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil ta' dan l-aħħar.

F'dan il-kuntest nistgħu nsibu l-għan tal-abbozz ta' rapport ta' inizjattivi li qed jippreżentalkom ir-rapporteur tagħkom, f'liema abbozz qed ifassal proposta dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp għall-ġejjieni tal-Aġenzija FRONTEX u tas-Sistema Ewropeja

għas-Sorveljanza tal-Fruntieri EUROSUR, bħala rispons għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar dan is-suġġett.

Ir-rapporteur tagħkom prova jislet dak li ħareġ mill-iskambji ta' opinjoni differenti li żvolġew waqt is-seduta ta' smigħ pubblika tat-30 ta' Ġunju 2008, u anke waqt id-dibattiti fil-Kumitat LIBE jew mill-kuntatti mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, tal-NGOs u, ovvjament, minn dawk li huma responsabbli għall-Aġenzija, speċifikament id-direttur u d-deputat direttur tagħha. L-emendi tal-gruppi politiċi differenti se jkomplu jarrikuxxu d-dibattitu u r-rapport.

Fl-aħħar, sabiex ikollna veduta sħiħa tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri, dan ir-rapport għandu jiġi indirizzat b'mod parallel mar-rapport tal-PE dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni. "It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea".

II. EVALWAZZJONI 2005/2007

L-azzjoni ta' FRONTEX hija inkluża prijoritarjament fil-qafas tal-**koordinazzjoni tal-koperazzjoni operazzjonali** bejn l-Istati Membri **fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni.**

L-għan tagħha hu li tittejjeb il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri sabiex jiġu miġġielda l-immigrazzjoni illegali u n-netwerks tat-traffikanti, dejjem waqt li jiġu kompletament rispettati d-dinjità u d-drittijiet fundamentali tal-immigranti, l-ewwel nett id-dritt tagħhom għall-ħajja. F'dan is-sens, il-PE għandu jitlob li l-mandat tal-Aġenzija jiġi modifikat u li jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet legali relatati mas-salvataġġ fil-baħar. L-Aġenzija għandha tkompli wkoll tieħu l-prekawzjonijiet u tarma lilha nnifisha bil-mezzi meħtieġa biex dawk il-persuni li huma l-aktar vulnerabbli, in-nisa u t-tfal u, b'mod aktar partikulari, il-minorenni u l-persuni milquta b'diżabilità, jiġu ttrattati b'dinjità u bir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2006 u l-2007, diġà wettqet 28 operazzjoni konġunta - 9 fil-fruntieri marittimi, 12 fil-fruntieri tal-art, 7 fil-fruntieri tal-ajru - li magħhom għandhom jiżdiedu l-10 proġetti pilota implimentati b'mod kumplimentarju ma' dawn l-operazzjonijiet.

Dawn l-operazzjonijiet qed jiġġeneraw skambju vantaġġjuż tal-aħjar prattiki u ta' informazzjoni u anke l-intensifikazzjoni tal-koperazzjoni ta' kuljum bejn is-servizzi nazzjonali ta' kontroll tal-fruntieri: f'dawn is-sentejn, inqabdu jew twaqqfu milli jidħlu fil-fruntieri aktar minn 53,000 persuna, ġew identifikati aktar minn 2,900 dokument għall-ivvjaġġjar falz, u ġew arrestati 58 persuna li kienu qed jittrasportaw immigranti klandestini.

L-Istati Membri ħadu sehem b'mod varjabbli: bħala medja, 7 Stati Membri ħadu sehem fl-operazzjonijiet fil-fruntieri marittimi, 9 fil-fruntieri tal-art u 11 fil-fruntieri tal-ajru. IL-PE għandu jeżiġi li l-Istati Membri kollha jirrispettaw l-impenji tagħhom u jagħmlu disponibbli r-riżorsi materjali u umani meħtieġa għall-azzjoni effettiva tal-Aġenzija, skont il-prinċipju ta' "solidarjetà obbligatorja" - miġbura b'mod partikulari fir-regolament dwar RABIT. Fl-ipoteżi li, b'mod persistenti, m'hemmx biżżejjed riżorsi disponibbli, hemm bżonn li tiġi studjata l-possibilità li l-baġit tal-Aġenzija jiġi adattat sabiex tkun tista' tixtri jew tikri l-apparat tagħha stess.

F'dak li jirrigwarda l-inizjattivi ewlenin l-oħra, wieħed jinnota l-ħolqien tan-Netwerk Ewropew ta' Pattulji (Mejju 2007) li jkompri l-inħawi qrib l-ixtut tal-Istati Membri kkonċernati, u anke tal-inventarju ċentrali tat-tagħmir tekniku disponibbli (CRATE) għall-finijiet tal-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntieri.

Min-naħa tal-istrateġija, l-esperjenza wriet li l-koperazzjoni operazzjonali għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni klandestina fil-fruntiera marittima tan-Nofsinha hi prijorità urġenti. Għalhekk, il-Parlament Ewropew għandu jitlob li tiġi studjata l-possibilità li jinħolqu uffiċji reġjonali tal-Aġenzija fl-Istati Membri li qed ibatu l-pressjoni kostanti tal-immigrazzjoni illegali u li l-utilizz tal-missjonijiet permanenti fl-inħawi b'riskju għoli jsir sistematiku.

FRONTEX tista' tforni wkoll **appoġġ għall-Istati Membri li qed jikkonfrontaw sitwazzjoni li teżiġi li tissaħħaħ l-assistenza operazzjonali u tenknika u li jiġu skjerati timijiet ta' intervent rapidu fil-fruntieri.**

Is-sistema *RABIT,* li daħlet fis-seħħ nhar l-20 ta' Awissu 2007, u li ġiet approvata mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, fil-fatt tipprevedi "*kapaċità ta' reazzjoni rapida*" sabiex ikunu jistgħu jiġu forniti riżorsi umani supplimentari lil kull Stat Membru f'diffikultà. Il-grupp lest għal intervent rapidu fil-fruntieri li twaqqaf għal dan il-għan jinkludi bejn il-500 u s-600 gwardja tal-fruntieri, u fil-ħarifa 2007 sar eżerċizzju.

FRONTEX għandha taħseb biex b'mod preventiv takkwista t-tagħmir tagħha stess - li se jintuża mit-timijiet ta' intervent rapidu - sabiex ikun hemm il-garanzija li jkun disponibbli bl-inqas dewmien possibbli fil-każ ta' sitwazzjoni ta' urġenza.

Min-naħa l-oħra, FRONTEX żviluppat **sistema ta' assistenza bejn l-Istati Membri għat-taħriġ tal-gwardji tal-fruntieri nazzjonali tagħhom,** u li tinkludi **d-definizzjoni tar-regoli ta' taħriġ komuni.**

Gawdew 1,341 persuna mis-97 azzjoni ta' taħriġ tal-Aġenzija FRONTEX. L-għan tagħhom: l-armonizzazzjoni tat-taħriġ tal-gwardji tal-fruntieri fl-Ewropa kollha.

L-approċċ adottat wera ruħu produttiv ħafna u jixraqlu għalhekk li jiġi estiż fir-rispett tal-*acquis* ta' Schengen u b'koerenza miegħu. L-isforz tat-taħriġ għandu jkun speċifikament iffukat fuq il-persunal tal-pajjiżi terzi li jikkoperaw ma' FRONTEX. Anke l-koperazzjoni mal-istituzzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali jew l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati għandha tiġi żviluppata.

Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-Aġenzija twettaq **l-analiżijiet ta' riskji** tagħha stess, li għandhom irwol kruċjali u trasversali fi ħdan l-attivitajiet tagħha: b'hekk, fil-kuntest tat-tieni evalwazzjoni annwali (Frar 2007), ikkontribwiet għat-tfassil tar-rapport ta' evalwazzjoni tat-theddida rappreżentata mill-kriminalità organizzata u, b'kollaborazzjoni mal-Europol, tar-rapport dwar ir-rotot b'riskju għoli li qed tieħu l-immigrazzjoni klandestina fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent.

Għal dan il-għan, FRONTEX ingħaqdet man-*netwerk ICONet* - li, mill-2006, jippermetti li s-servizzi kkonċernati jiskambjaw informazzjoni dwar il-flussi migratorji illegali - biex tiskambja informazzjoni mal-Istati Membri dwar l-analiżijiet ta' riskji, it-tħejjija ta' operazzjonijiet konġunti u r-ritorni; barra minn hekk qed tieħu sehem fil-*laqgħat taċ-Ċentru ta' Informazzjoni, ta' Riflessjoni u ta' Skambji fir-rigward tal-Qsim tal-Fruntieri u tal-Immigrazzjoni.*

Sabiex jiġu sfruttati s-sinerġiji u jitwettqu ekonomiji ta' skala, l-għodda u l-entitajiet differenti disponibbli għandhom jitmexxew minn FRONTEX.

L-Aġenzija hi involuta f'dak li għandu x'jaqsam mar-**riċerka fl-oqsma li jolqtu l-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni:** din "*l-għassa*" diġà ġiet tradotta fl-organizzazzjoni ta' 6 proġetti u 7 *workshops/*seminars dedikati għar-riċerka u l-iżvilupp, li kkontribwew għat-tħejjija u l-istipular tas-sistema ta' dħul/ħruġ (li *BIOPASS* tifforma parti minnha) u tas-Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri; imma fuq kollox, l-Aġenzija qed tieħu sehem attiv fil-ħidmiet tal-*Forum Ewropew għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fir-rigward tas-Sigurtà* l-ġdid, li fil-qafas tiegħu twaqqaf grupp ta' ħidma responsabbli għas-sigrurtà tal-fruntieri.

Dan se jkollu jaħdem biex il-bżonnijiet konkreti tas-servizzi responsabbli għall-kontrolli fil-fruntieri jitqiesu speċifikament fl-attivitajiet differenti ta' riċerka.

Fl-aħħar, iktar 'il quddiem fil-proċess tal-operazzjonijiet ta' kontroll u sorveljanza, l-Aġenzija hi kompetenti biex **tforni lill-Istati Membri bl-għajnuna li hemm bżonn biex jiġu organizzati operazzjonijiet ta' ritorn konġunti.** Allavolja diġà kkontribwiet għall-organizzazzjoni ta' 9 operazzjonijiet ta' dan it-tip, l-irwol u l-kundizzjonijiet legali tagħha jibqgħu mċajpra u għalhekk għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar.

III. PROSPETTIVI FIT-TUL:

FRONTEX se tkun element essenzjali - jekk mhux fundamentali - għall-iżvilupp fit-tul tal-istrateġija ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri tal-Unjoni. Permezz ta' approċċ gradwali u tisħiħ progressiv tal-kapaċitajiet tagħha, tista' tagħti valur miżjud reali għall-benefiċċju tas-sistema Schengen globali, speċifikament fil-kuntest tal-**miżuri f'koperazzjoni ma' pajjiżi terzi**, waqt li tassigura koerenza bejn l-attivitajiet tagħha u l-qafas globali tal-politika esterna.

Il-modalitajiet ta' kollaborazzjoni u koperazzjoni mal-awtoritajiet Russi, Ukrajni u Svizzeri diġà ġew stabbiliti u qed jipproduċu riżultati eċċellenti, u qed isiru negozjati ma' għadd tajjeb ta' oħrajn.

Fir-rigward tal-**miżuri fil-fruntieri**, FRONTEX qed tmexxi 'l quddiem ir-riflessjoni tagħha dwar il-kunċett ta' "*one-stop-shop*" li jiġbor flimkien l-awtoritajiet tad-dwana u s-servizzi ta' kontroll fil-fruntieri, mingħajr ma tieqaf tiġbor l-aħjar prattiki adottati fil-qasam tal-koperazzjoni bejn entitajiet kompetenti jew fil-kuntest tal-proġetti pilota li rnexxew l-aktar.

L-element essenzjali tal-kontribut tagħha jinsab fil-parteċipazzjoni tagħha fit-tfassil tal-**EUROSUR** (deċiż mill-Kunsill tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006), ibbażata fuq il-fruntieri esterni tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni, u li l-ewwel prijorità tagħha għandha tkun l-integrazzjoni tal-istrumenti ta' soveljanza marittima kollha sabiex jitwettqu bl-aħjar mod possibbli d-dmirijiet assenjati lilha: *it-tnaqqis tan-numru ta' immigranti illegali* li jirnexxilhom jidħlu fit-territorju tal-UE, it-tisħiħ tas-sigurtà interna permezz tal-kontribut tagħha għall-*ġlieda u ż-żarmar tal-kriminalità transkonfinali*, u *t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' tiftix u salvataġġ* biex jiġu salvati aktar ħajjiet umani (fit-tliet każi, biex EUROSUR tirnexxi, hemm bżonn tal-involviment sħiħ u komplut tal-pajjiżi terzi konċernati, speċfikament dwar tan-naħa ta' Nofsinhar taċ-ċirkonferenza tal-Mediterranju, minn fejn qed tibda l-biċċa l-kbira tal-pressjoni migratorja lejn l-Unjoni Ewropea).

L-isfida ewlenija fil-fatt tikkonsisti fil-koordinazzjoni aħjar tal-infrastrutturi ta' sorveljanza eżistenti u fl-estensjoni tal-kopertura attwali tagħhom, li sa llum huma limitati għal parti mill-inħawi fejn iridu jsiru l-operazzjonijiet, sabiex jinkiseb għarfien perfett tas-sitwazzjoni f'ħin reali u biex tikber il-kapaċità ta' reazzjoni tas-servizzi ta' kontroll u/jew ta' assistenza. Il-PE għandu jitlob li bla dewmien jibdew jiġu aġġornati s-sistemi nazzjonali ta' sorveljanza u l-

interkonnessjoni tagħhom f'netwerk. F'dak li għandu x'jaqsam mar-riċerka u l-iżvilupp, se jkun hemm bżonn li tingħata importanza għall-applikazzjonijiet komuni fir-rigward tal-perfezzjonament u l-innovazzjoni tal-għodda ta' sorveljanza.

Fl-aħħar, hemm bżonn li jiġi stabbilit lil min għandu jiġi fdat il-ħolqien ta' ambjent komuni għall-qsim tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, sabiex jiġu ottimizzati l-ġbir, l-analiżi u d-diffużjoni ta' din id-data sensittiva.

Jidher fil-fatt li kemm FRONTEX u kemm EUROSUR se jimponu ruħhom bħala indikaturi tas-**solidarjetà operazzjonali** indispensabbli bejn l-Istati Membri, li sakemm ma tiġix espressa b'mod attiv, mhux se jkun possibbli li r-riżorsi jiġu indirizzati lejn is-setturi tal-fruntier esterni li jirrappreżentaw l-aktar bżonnijiet importanti.

F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni biex jiġi kostitwit **korp Ewropew ta' gwardji tal-fruntieri awtonomu**, mhux se tkun tista' tiġi definita sakemm ma jinsilet l-ewwel tagħlim mit-tħaddim tal-Aġenzija, anke jekk il-kwistjonijiet dwar it-titjib tas-sistema attwali ta' allokazzjoni tar-riżorsi lis-setturi konċernati u x-xewqa li jkun hemm rapport aħjar bejn in-nefqa u l-effiċjenza tal-mekkaniżmi attwali huma leġittimi, m'għandhomx jaħbu l-fatt - mingħajr ma nitkellmu dwar id-dimensjoni eminentement politika ta' ħolqien ta' dan it-tip - li l-Istati Membri tal-Unjoni diġà għandhom disponibbli 450,000 gwardja tal-fruntieri...